**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 6861/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony John Bugeja**

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Anthony John Bugeja, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0017996(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Jannar 2024 fil-ħin ta' bejn 13:00hrs u 15:15hrs ġewwa Triq in-Naxxar, San Ġwann:

1. Saq vettura nru. DQZ-577 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
2. Saq vettura nru DQZ-577 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400). *In oltre*, skwalifikatu milli

jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12)-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony John Bugeja, ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

a. Tħassar is-sentenza appellata u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-liġi;
b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Frar 2025.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant dwar il-merti, il-Qorti tqis illi għandha teżamina it-tieni aggravju mressaq fir-rikros ta'l-appell fejn huwa jikkontendi illi l-azzjoni penali in kwantu t-tieni mputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu hija perenta bid-dekors tat-terminu preksrittiv ta'l-imsemmi reat hemmhekk infraskritt. Huwa jisħaq li kien ġie debitament notifikat biċ-ċitazzjoni nhar l-20 t'Awwissu 2024 u għalhekk *oltre* l-perijodu preskrittiv indikat fil-liġi sabiex b'hekk l-azzjoni penali ġiet estinta.

Illi, fit-tieni imputazzjoni indikata fiċ-ċitazzjoni l-appellant kien mixli illi nhar il-25 ta' Jannar 2024 saq il-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni DQZ-577 mingħajr ma kien kopert minn polza ta' assigurazzjoni. L-Artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

**Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –**

**(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat;**

Illi kien deċiż:

**It-termini previsti fl-artikolu 3, kif ġia ritenut fis-sentenza msemmia il-Pulizija v Carmelo Cassar, huma termini speċjali ta' preskrizzjoni li jolqtu l-inizju tal-azzjoni kriminali u sa daqstant - u mhux aktar minn daqstant - jidderogaw mir-regoli ġenerali tat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali. Il-preskrizzjoni tiġi kompjuta bis-sempliċi dekors taż-żmien sakemm dak id-dekorriment ta' żmien ma jiġix sospiż jew interrott skont il-liġi. Anki qabel l-emendi tal-2002 il-Kodiċi Kriminali kien ġia jipprovdi li sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta ma kienx biżżejjed il-preżentata ta' att tal-proċediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkużata iżda kien meħtieġ in-notifika ta' dak l-att ta' proċediment. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża.**

Jikkonsegwi għalhekk illi għalkemm iċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2024, madanakollu mir-riferta tan-notifika magħmula lill-appellant taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi huwa kien notifikat nhar l-20 t'Awwissu 2024, f'liema perijodu d-dekorriment taż-żmien ma kienx ġie sospiż jew interrott skont il-liġi. Għalhekk huwa ndubitat li t-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija filfatt preskritta u l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi sabiex tiġġudika l-istess, billi l-azzjoni penali kienet f'dak iż-żmien estinta. Għalhekk, it-tieni aggravju tal-appellant jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jilmenta li quddiem l-Ewwel Qorti ma tressqitx l-aqwa prova u dana għaliex ma hemmx evdidenza li tindika li fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni huwa kien qed isuq il-vettura in dizamina.

Illi, l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali sabiex tkun f'posizzjoni tqis dan l-aggravju bil-għan li tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami tal-atti jemerġi illi li nhar il-25 ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' 15:15hrs, l-uffiċjal tal-LESA CO734 irrapportat lill-Pulizija li kien seħħ inċident stradali ġewwa Triq in-Naxxar, San Ġwann. Meta l-Pulizija rrikorrew fuq il-post, l-istess CO734 "**stqarret li hi issejħet fuq il-post għal ħabta ta' 14:15hrs sabiex tħejji rapport tal-inċident, fejn meta irrapurtat fuq il-post ġiet infurmata li filwaqt li vettura tal-għamla Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni SEB293 kienet qed tinstaq direzzjoni minn San Ġwann lejn San Ġiljan minn Triq in-Naxxar, San Ġwann u filwaqt li kienet tinsab eżatt quddiem il-ħanut Convenience, persuna li kien riekeb fuq wara tal-vettura Peugeot DQZ577 fetaħ il-bieba tal-wara tan-naħa tax-xellug u ikkawża ħsarat fuq il-parti tal-quddiem tal-vettura Range Rover. Sal-ħin li irrapurtat fuq il-post l-uffiċjal tal-Lesa intebħet li x-xufier u l-passiġier minn tnejn tal-vettura DQZ577, telqu minn fuq il-post fejn preżenti kull ma kien baqa' kien il-passiġier li kien jinsab fuq wara tal-vettura li fetaħ il-bieba u ikkawża xi ħsarat fuq il-vettura l-oħra li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta**".

Irriżulta li sid il-vettura Peugeot kien ċertu Mark Musset, li meta kien mitkellem, stqarr li l-istess vettura kienet mikrija lil Anthony Bugeja, u ċioe' lill-appellant odjern. Irriżulta ukoll li s-sid tal-vettura tal-għamla *Range Rover* kien ċertu Sebastiano Pietro Vicario filwaqt li l-persuna li nvolontarjament ikkaġunat il-ħsarat fuq l-istess vettura kien ċertu Karl Muscat. Dan kollu kien kkonfermat minn PS 649 J. Buhagiar fl-*affidavit* minnu redatt fejn ikkonferma wkoll li huwa kien eleva  xi filmati minn kameras tas-sigurtà li kien hemm fil-viċinanzi u "**mill-fimat miksub stajt nikkonferma kif seħħ**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**l-aċċident kif ukoll li l-vettura Peugeot kienet qed tinstaq minn ċertu Anthony John Bugeja qabel ma seħħ l-aċċident**".

Dawn il-filmati tal-kameras tas-sigurta' huma eżebiti in atti. Illi, sussegwentement, l-appellant kien mitkellem mill-Pulizija, fejn wara li ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi, kien għadda biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, liema verżjoni madanakollu kienet skartata bħala prova mill-Ewwel Qorti stante li kienet minnha dikjarat inammissibbli għar-raġuni li d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali ma kenitx ġiet magħmula quddiem żewġ xhieda, kif dettat fil-liġi, u għalhekk, fin-nuqqas ta' appell mill-Avukat Ġenerali fir-rigward ta' din il-parti tas-sentenza appellata din l-Qorti hija prekluża issa fi stadju ta' reviżjoni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

Illi, *in oltre*, mill-*affidavit* tax-xhud Kenneth Pace, rappreżentant ta' *Transport Malta*, jirrizulta li nhar it-12 t'Awwissu 2021, l-appellant kellu l-liċenzja proviżorja tas-sewqan revokata minħabba akkumulu ta' punti penali. Jirriżulta ukoll li nhar l-14 ta' Jannar 2022, l-appellant kien irritorna l-liċenzja tas-sewqan lil *Transport Malta* u li sas-27 t'Awwissu 2024 huwa ma kienx applika għal permess tas-sewqan "*Learner's Permit*".

Illi, l-appellant jibda' billi jilmenta li hemm nuqqas serju fil-katina tal-evidenza magħmula permezz ta' dawn il-filmati CCTV. Issa fl-*affidavit* tiegħu PS 649 J. Buhagiar jikkonferma li kien hu stess li mar fl-istabbiliment bl-isem "*Convenience Store*", fejn ingħata aċċess għas-sistema tas-CCTVs tal-lokal u kien hu stess li eleva l-filmat in kwistjoni. Huwa minnu li sussegwentement l-istess filmati ġew ippreżentati mill-Uffiċjal Prosekutur fid-dawl tal-fatt illi l-proċeduri odjerni kienu ta' natura sommarja. Issir referenza għall-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jfassal il-proċedura li għandha tkun sewgita meta l-evidenza tkun imressqa permezz tal-proċedura tal-a*ffidavits* fejn hemm dispost illi:

> **Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi**

**jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**

**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

**(1) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant qatt ma talab sabiex PS 649 jittella' jixhed in kontro-eżami sabiex jiġi mistoqsi dwar il-kontenut tal-*affidavit* magħmul minnu, senjatament dwar dan il-filmat li jidher li hemm kontestazzjoni dwaru. Għalhekk, fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċċitat, l-*affidavit* ippreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa meqjus bħala prova ammissibbli tax-xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre,* din l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li jista' jwassalha tiddubita mill-kontenut ta' dan l-istess *affidavit* u wisq anqas mic-*chain of custody* tal-filmat in diżamina.

Issa l-appellant jilmenta li ma nġabitx prova li kien hu li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju jibda biex jingħad illi x-xhud Mark Mussett xehed u ikkonferma li l-vettura *de quo* kienet ġiet mikrija lill-appellant u li din ma kinitx okkazzjoni unika għaliex l-istess appellant kien spiss jikri vetturi oħra minn

għandu. Ukoll, mill-filmati eżebiti jidher propju l-appellant ħiereġ mill-vettura involuta fis-sinistru u dana minn naħa tax-xufier. Dan kollu jipponta lejn direzzjoni univoka u ċioe' li kien l-appellant li f'dak il-ħin, jew ftit tal-ħin qabel, kien qed isuq din l-vettura, u kien qed jagħmel hekk mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan valida, hekk kif ġie ppruvat ampjament mill-provi prodotti. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna il-piena erogata meta l-appellant jikkontendi li din ma kenitx waħda idoneja u saħaq illi l-Ewwel Qorti għall-inqas kellha tikkonċedielu żmien għal ħlas tal-multa inflitta.

Illi, stante illi, kif deċiż, l-azzjoni penali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hija perenta bid-dekors taż-żmien tal-preskrizzjoni, kwindi dan ser iwassal għal mitigazzjoni fil-piena erogata. Il-Qorti madanakollu mhijiex ser teroga piena fil-minimu jew viċin tal-minimu stante illi mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta illi huwa kien misjub ħati għall-iktar minn okkażjoni waħda ta' reati marbuta ma' infrazzjonijiet tat-traffiku.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

- **(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih; u**
- **(ii) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjara l-istess bħala preskritta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess; u**
- **(iii) Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' sebgħa mija u ħamsin Ewro (€750); u**
- **(iv) Tirrevokaha fil-parti fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12)-il xahar u minflok tisskwalifikah milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-**

**perijodu ta' sittax (16)-il ġurnata, li jibdew jiddekorru mid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**